**9 ta' Ottubru, 1948.**

**Imħallef:**

**L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Maria Giuseppa Caruana et. versus Tommaso Mallia et.

**Suċċessjoni — Kondizzjoni — Twelid u Konċepiment — Dritt tar-Rappreżentazzjoni — Art. 687, 758, 782, u 842 tal-Kodiċi Civili.**

*Meta d-dritt għas-suċċessjoni tat-testatur huwa suġġett għall-verifika ta' kondizzjoni sospensiva, huwa biżżejjed il-konċepiment fil-mument tal-verifika tal-kondizzjoni biex wieħed ikun jista' jippretendi dik s-suċċessjoni, u mhux meħtieġ li jkun ġà twieled meta dik il-kondizzjoni taċċera ruħha. U għalhekk, jekk it-testatur ħalli bħala werrieta tiegħu lill-qraba l-aktar viċini li jkunu jeżistu meta taċċera ruħha xi kondizzjoni minnu kontemplata, il-qraba li jkollhom dritt jippretendu l-wirt tiegħu huma mhux biss dawk li jkunu ġà twieldu meta taċċera ruħha dik il-kondizzjoni, imma anki dawk li jkunu għadhom konċepiti biss.*

*Ukoll, f'każ bħal dan, dawk il-qraba li jkunu ġà mietu meta taċċera ruħha dik il-kondizzjoni ma jilħqu jakkwistaw ebda dritt għal dik is-suċċessjoni, u għalhekk ebda dritt f'dan is-sens ma jittrasmettu lill-eredi tagħhom.*

*Dawn l-eredi, imbagħad, lanqas jistgħu jidħlu f'dik is-suċċessjoni bid-dritt tar-rappreżentazzjoni, jekk, kieku s-suċċessjoni kienet "ab intestato", huma ma kienx ikollhom dak id-dritt.*

*Is-suċċessjoni "ab intestato" li għaliha tirriferixxi d-dispożizzjoni tal-liġi li tagħti d-dritt tar-rappreżentazzjoni hija s-suċċessjoni tat-testatur, u mhux dik tal-werriet jew legatarju istitwit li jkun miet qabel it-testatur. Fil-linja kollaterali r-rappreżentazzjoni hija ammessa biss favur it-tfal u dixxendenti ta' l-aħwa tal-mejjet.*

Il-Qorti, — Rat il-libell ta' Maria Giuseppa Caruana, Maria Francesca Caruana u Vincenzo Caruana, fejn esponew:— 1. Illi Dottor Pasquale De Lorenzo, bit-testment tiegħu in atti Gio Batta Saydon tat-28 ta' Settembru 1897, fl-artikolu 12, sejjaħ bħala werrieta universali tiegħu l-ulied naxxituri ta' Carolina mart Filippo Farrugia u ta' Rosaria Farrugia, u fil-każ li dawna jmutu mingħajr ulied u dixxendenti, il-qraba tiegħu skond l-ordni tal-prossimità min-naħa tal-missier u min-naħa ta' l-omm, nofs kull wieħed, "in istirpes" u mhux "in capita"; 2. Illi l-imsemmija Rosaria Farrugia mietet fid-

29 ta' Settembru 1911 mingħajr dixxendenti; 3. Illi l-imsemmija Carolina mart Filippo Farrugia mietet fil-5 ta' Awissu 1932, mingħajr dixxendenti; 4. Illi b'dan il-mod fil-5 ta' Awissu 1932, avveràt ruħha l-kondizzjoni li taħtha ġew imsejħin għall-eredità l-eqreb parenti tat-testatur min-naħa tal-missier kwantu għan-nofs, u l-eqreb parenti min-naħa ta' l-omm kwantu għan-nofs l-ieħor, li kienu ħajjin fil-mument ta' l-apertura tas-suċċessjoni ta' l-imsemmi Dottor Pasquale De Lorenzo kemm ukoll fil-verifika tal-kondizzjoni; 5. Illi huma wlied Caterina, imwieda Chetcuti, mart in-Nutar Francesco Caruana, u dina kienet bint Dottor Giuseppe Chetcuti, wieħed miż-żewġ ulied ta' Gio Maria Chetcuti, li kien missier Maria Chetcuti mart Giorgio De Lorenzo, u dawn kienu l-ġenituri ta' Dottor Pasquale De Lorenzo; 6. Illi, billi t-testatur ordna illi d-diviżjoni ssir "in istirpes", in-nofs li jmiss lill-eqreb parenti min-naħa ta' l-omm jinqasam bejn iż-żewġ ulied ta' l-imsemmi Gio Maria Chetcuti, jiġifieri Francesco Chetcuti, antenat tal-konkorrenti oħrajn min-naħa ta' l-omm in kwantu għal kwart, u Dottor Giuseppe Chetcuti, antenat tagħhom (ta' l-esponenti), kwantu għal kwart ieħor; u talbu illi, previja d-dikjarazzjoni illi s-suċċessjoni ta' l-imsemmi Dottor Pasquale De Lorenzo, kwantu għan-nofs, li ġiet devoluta għaffavur tal-parenti tiegħu min-naħa ta' l-omm, ġiet miftuħa għal nofs, u ċjoè għal kwart ta' l-intier, a favur tagħhom f'partijiet ugwali bejniethom, jiġu ammessi biex jikkonsegwixxu l-kwart ta' l-imsemmija suċċessjoni, bil-frutti relativi mill-ġurnata taċ-ċessazzjoni ta' l-użufrutt ta' l-imsemmija Carolina Farrugia a preferenza ta' kwalunkwe konkorrenti ieħor;

*Omissis*;

Tikkunsidra;

Illi l-Avukat Dottor Pasquale De Lorenzo miet fil-25 ta' Settembru 1901, u l-aħħar testment tiegħu hu dak publikat min-Nutar Gio Batta Saydon fit-28 ta' Settembru 1897. B'dan it-testment id-decujus, wara li ħalla diversi legati, fostħom l-użufrutt universali tal-ġid tiegħu kollu lil oħtu Maria Antonia armla ta' Salvatore Farrugia, u warajha lit-tfal tagħha Saċerdot Don Giorgio, Rosina u Carolina mart Filippo Farrugia Gay, iddispona hekk:— "Salve le premesse disposizioni, il prenominato Signor testatore Dottor Pasquale De Lo-

renzo istituisce e nomina suoi eredi universali i suoi pronipoti, i figli talvolta nascituri dalle suddette Signora Carolina moglie del predetto Signor Filippo Farrugia e Signorina Rosina Farrugia, ed in difetto di questi istituisce e nomina suoi eredi universali i suoi più prossimi parenti dal lato paterno e dal lato materno per ugeale metà e in istirpi, e non 'in capita', non volendo esso signor testatore che i suoi beni pervertanno mai a persone a lui estranee e non affini'';

Illi l-użufruttwarji fuq indikati mietu rispettivament fid-29 ta' April 1898, fid-19 ta' Diċembru 1910, fid-29 ta' Settembru 1911, u fil-5 ta' Awissu 1932; u billi tant Rosina Farrugia kemm Carolina mart Filippo Farrugia ma ħallewx tfal jew dixxendenti, fil-5 ta' Awissu 1932, bil-mewt ta' Carolina mart Filippo Farrugia, ivverifikat ruħha a favur tal-''più prossimi parenti'', il-kondizzjoni sospensiva illi subordinatament għaliha dawna ġew istitwiti bħala eredi. Dik il-kondizzjoni ivverifikat ruħha fl-imsemmija ġurnata, u mhux qabel il-mewt ta' Carolina mart Filippo Farrugia f'xi età determinata illi hija ma setax ikollha tfal, għaliex għandha tiġi eskluża l-possibilità li wieħed jista' jirritjeni verifikata l-kondizzjoni qabel, billi huwa impossibili li wieħed jiffissa b'mod ċert u definitiv liema hija dik l-età meta l-imsemmija Carolina Farrugia Gay ma setax ikollha tfal;

Illi sabiex jiġi determinat min huma l-imsemmijin ''più prossimi parenti'' jeħtieġ li jiġu eżaminati u deċiżi żewġ kwistonijiet, jiġifieri: Jekk ir-rekwiżit tal-konċepiment u twelid, bħala element essenzjali biex wieħed ikun kapaċi jirċievi b'testment, hux rikjest li kien jeżisti fil-mument tal-mewt tat-testatur, jiġifieri, fil-każ preżenti, fil-25 ta' Settembru 1901, jew hux biżżejjed illi huwa kien jeżisti meta ivverifikat ruħha l-kondizzjoni, jiġifieri fil-5 ta' Awissu 1932; u jekk id-dritt tas-suċċessjoni irradikax ruħu f'dawk il-parenti illi, għalkemm mietu qabel ivverifikat ruħha l-kondizzjoni, kienu però ħajjin meta miet id-de cujus, jew hux rekwiżit essenzjali illi huma kellhom ikunu ħajjin meta ivverifikat ruħha l-kondizzjoni;

Tikkunsidra fuq l-ewwel kwistjoni;

Illi skond l-art. 637 tal-Kodiċi Ċivili huwa suffiċjenti l-konċepiment fil-mument tal-verifika tal-kondizzjoni. Dak l-artikolu difatti jiddisponi, fl-ewwel parti tiegħu, illi ''dawk

li fiż-żmien tal-mewt tat-testatur, jew fiż-żmien li tiġri l-kondizzjoni sospensiva li minnha d-dispożizzjoni kienet tiddependi, ma jkunux għadhom ġew konċepiti, huma inkapaċi li jirċievu b'testment". Dina l-kwistjoni, iżda, ma għandhiex importanza f'dina l-kawża, għaliex dawk il-parenti kollha taddecujus li ġew konċepiti wara l-mewt tat-testatur, imma qabel il-verifika tal-kondizzjoni, jinsabu eliminati minn dina s-suċċessjoni minħabba l-grad ta' parentela tagħhom, kif jiġi muri aktar 'il quddiem;

Tikkunsidra fuq it-tieni kwistjoni;

Illi l-kondizzjoni li ġiet imposta mid-decujus fl-artikolu 12 tat-testment tiegħu hija tali li mill-verifika tagħha kienet tiddependi s-sejħa għall-wirt tal-parenti prossimi. Kieku, difatti, Rosina jew Carolina Farrugia ħallew xi tfal wara l-mewt tagħhom, dawk il-parenti l-aktar prossimi kienu jibqgħu definitivament esklużi mis-suċċessjoni. Għal dina l-kondizzjoni huwa għalhekk applikabili l-artikolu 753 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi dana l-artikolu jiddisponi illi "kull dispożizzjoni f'testment magħmula taħt kondizzjoni li tkun tiddependi minn ġrajja mhix żgura, u li tkun tali li fil-ħsieb tat-testatur iddispożizzjoni ma għandhiex tiswa ħlief fil-każ li dik il-ġrajja tiġri jew ma tiġrix, tibqa' bla effett, kemm-il darba l-persuna li favur tagħha tkun ġiet magħmula tmut qabel ma sseħħ il-kondizzjoni";

Illi minn dana l-artikolu jirriżulta biżżejjed ċar illi l-eredi msejħin taħt kondizzjoni sospensiva ta' natura simili għal dik fit-testment in kwistjoni ma jistgħux jikkonsegwixxu l-wirt jekk imutu qabel il-verifika tal-kondizzjoni. Jekk ma jakkwistaw l-ebda dritt fuq il-wirt, ma jistgħux jittrasmettu ebda dritt fuq dak il-wirt lill-eredi tagħhom;

Tikkunsidra;

Illi lanqas ma jista' jingħad, fil-każ preżenti, illi t-tfal u d-dixxendenti ta' dawk li mietu qabel il-verifika tal-kondizzjoni jidħlu bid-dritt tar-rappreżentanza. Il-kapoverso ta' l-art. 782 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi "iżda d-dixxendenti talwerriet jew tal-legatarju jidħlu minfloku (għax ikun miet) fil-wirt jew fil-legat meta, kieku s-suċċessjoni kienet "ab intestato", kien ikollhom il-jedd tar-rappreżentazzjoni, barra minn meta t-testatur ikun iddispona xort'oħra, jew il-legat

ikun ta' użufrutt, użu, jew abitazzjoni, jew ta' jedd ieħor minnhom ifisser personali". Is-suċċessjoni intestata msemmija f'din id-dispożizzjoni tal-liġi hija s-suċċessjoni tat-testatur, u mhux dik ta' l-eredi jew tal-legatarju premort. Ir-rappreżentazzjoni favur it-tfal jew dixxendenti ta' l-eredi ma hemmx lok għaliha jekk mhux meta t-tfal jew id-dixxendenti jkunu anki dixxendenti tat-testatur jew ta' xi ħadd mill-aħwa tat-testatur; ir-rappreżentanza hija fil-konfront tas-supposta suċċessjoni intestata tat-testatur. Dana ġie stabbilit fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawża "Ellul et. vs. Peralta ne. et." deċiża fl-10 ta' Marzu 1934, fejn jinsabu fit-tul il-motivi li ddeterminaw dik id-deċiżjoni; u għalihom din il-Qorti tagħmel riferenza (Kollez. Vol. XXVIII, P. I, pag. 962);

Tikkunsidra;

Illi d-dispożizzjoni fuq ċitata tapplika wkoll għall-każ illi l-eredi testamentarji msejjaħ taħt kondizzjoni jmut qabel il-verifika tagħha u jħalli tfal jew dixxendenti, dejjem però jekk dawna jidħlu bid-dritt tar-rappreżentanza f'każ ta' suċċessjoni intestata tat-testatur. Fis-suċċessjoni in eżami ma hemmx lok għad-dritt tar-rappreżentazzjoni, għaliex skond il-liġi r-rappreżentanza tal-linea kollaterali hija ammessa biss "favur it-tfal u d-dixxendenti ta' ħut il-mejjet" (art. 842), u f'dan il-każ id-decujus kellu tliet aħwa li mietu qablu: Consolata mietet xebba, Giovanni kien qassis, u t-tfal ta' Antonia Farrugia (Don Giorgio, Rosina u Carolina Farrugia Gay) mietu improli u ma għandhomx dritt għas-suċċessjoni in kwistjoni;

Tikkunsidra;

Illi konformement għal dak li fuq ġie espost, il-prinċipji, kwindi, li jirregolaw il-konkors in kwistjoni huma, kif sewwa rrissumihom il-perit legali:—

1. Li l-ebda dritt suċċessorju ma jikkompeti, bħala eredi diretti ta' l-Avukat Pasquale De Lorenzo, lil dawk il-parenti li ġew konċepiti wara l-verifikazzjoni ta' l-imsemmija kondizzjoni minnu imposta fit-testment tiegħu;

2. Li l-ebda dritt suċċessorju ma jikkompeti lil dawk il-parenti li mietu qabel il-verifika ta' l-imsemmija kondizzjoni;

3. Li dawk il-parenti li mietu qabel il-verifika tal-kondizzjoni ma akkwistawx, u kwindi ma setgħux jittrasmettu, ebda dritt fis-suċċessjoni;

4. Li hu eskluż id-dritt tar-rappreżentazzjoni;

5. Li jekk xi parenti li jinsab fi grad prossimjori utili biex jipparteċipa fil-wirt miet wara l-verifika tal-kondizzjoni, huwa akkwista f'dak il-wirt dritt li hu trasmissibili lill-eredi tiegħu;

Tikkunsidra;

Illi mir-relazzjoni tal-perit legali, li l-Qorti tilqa' għaliex tapprovaha, billi ma ssib ebda raġuni biex tiddipartixxi minnha fl-ebda parti tagħha, jirriżulta li l-parenti l-aktar viċini tad-decujus mill-lat matern li jissodisfaw ir-rekwiżiti legali humà dawk li jinsabu fil-ħames grad, u dawna, skond ma ordna t-testatur fl-imsemmi testment tiegħu, għandhom jissuċċiedu "in istirpes" f'nofs l-assi, u billi xi wħud mill-eredi huma l-lum mejtin, fil-kwota ereditarja tagħhom jissuċċiedu l-eredi rispettivi;

*Omissis;*

Għar-raġunijiet fuq indikati;

Tiddikjara illi s-suċċessjoni ta' l-Avukat Dottor Pasquale De Lorenzo, għal dak li jirrigwarda l-parenti min-naħa ta' l-omm, tmiss lill-persuni fuq indikati fil-motivazzjoni tas-sentenza u fil-kwoti hemm ukoll imsemmijin;

Tiddikjara l-istess suċċessjoni miftuħa għaf-favur ta' Maria Giuseppa Caruana...............;

L-ispejjeż jitħallsu mill-kontendenti li jipparteċipaw fil-wirt, skond ir-rispettiva kwota.